

32006D0009

L 7/23

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

12.1.2006

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Jannar 2006

**li temenda l-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE dwar il-miżuri tranżitorji għall-ġarr ta' annimali ħajjin mill-Bulgarija u r-Rumanija via r-Repubblika Ex-Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja u l-Montenegro**

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5885)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2006/9/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

jin fl-UE koperti b'din id-Deċiżjoni attwalment mhumiex awtorarizzati.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni lejn u t-transitu matul il-Komunità għal ċerti annimali unġulati ħajjin, li temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/KE u li tirrevoka d-Direttiva 72/462/KEE <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 3 (1) u 17 tagħha,

Billi:

(1) Il-Parti 1 ta' l-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1979 li tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi, u li tistabbilixxi kundizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika u veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom <sup>(2)</sup>, tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi u partijiet ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom.

(2) Ir-Repubblika Ex-Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja u l-Montenegro huma elenkati fl-Anness II parti 1 tad-Deċiżjoni 79/542/KEE għall-importazzjoni tal-laħam ġewwa l-Komunità iżda mhux elenkati fl-Anness I parti 1 u għalhekk l-importazzjoni u t-transitu ta' l-annimali ħaj-

(3) Madankollu, is-sitwazzjoni tal-mard f'dawn il-pajjiżi hija aċċettabbli u, barra minn hekk, fl-interess tal-benessri ta' l-annimali jkun aħjar jekk jitħalla t-tranżitu ta' annimali għall-qatla minn dawn il-pajjiżi suġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Għalhekk, għal perjodu tranżitorju sal-31 ta' Diċembru 2006 u fl-istennija ta' missjoni tal-Kummissjoni għal dawn il-pajjiżi, it-tranżitu minn dawn il-pajjiżi ta' konsenji ta' l-annimali ħajjin imsemmija fid-Deċiżjoni 79/542/KEE għal qtil dirett jista' jiġi permess meta jiġu mill-Pajjiżi fil-proċess ta' l-Adeżjoni, il-Bulgarija u r-Rumanija, u ddestinati għal xi Stat Membru. Dan il-perjodu tranżitorju għandu japplika biss għall-Bulgarija u r-Rumanija fid-dawl ta' l-Adeżjoni prevista tagħhom.

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-istat tas-saħħa tal-konsenji individwali, għandhom jiġu stabbiliti kondizzjonijiet addizzjonali bħas-siġillar tat-trakkijiet u t-timbrar taċ-ċertifikat.

(5) Il-Parti 1 ta' l-Anness I għad-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha tiġi emendata skond dan.

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 321; Corrigendum ĠU L 226, 25.6.2004, p. 128.

<sup>(2)</sup> ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/753/KE (ĠU L 282, 26.10.2005, p. 22).

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

*Artikolu 1*

Il-Parti 1 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE tinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Jannar 2006.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-12 ta' Jannar 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

## "ANNEX I

## ANIMALI ĦAJJIN

## PARTI 1

## IL-LISTA TA' PAJJIŻI TERZI JEW PARTIJIET MINNHOM (\*)

Pajjiż (**)	Kodiċi tat-territorju:	Deskrizzjoni tat-territorju	Ċertifikat veterinarju		Kondizzjonijiet speċjali
			Mudell(i)	SG	
1	2	3	4	5	6
BG — il-Bulgarija	BG-0	Il-pajjiż kollu	—		VI
	BG-1	Il-provinċji ta' Varna, Dobrich, Silistra, Choumen, Targovitchte, Razgrad, Rousse, V.Tarnovo, Gabrovo, Pleven, Lovetch, Plovdic, Smolian, Pasardjik, id-distrett ta' Sofia, il-belt ta' Sofia, Pernik, Kustendil, Blagoevgrad, Sliven, Starazagor, Vratza, Montana u Vidin	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y	A	
CA — Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	POR-X		IVb IX
	CA-1	Il-pajjiż kollu minbarra r-reġjun ta' l-Okanagan Valley tal-British Columbia deskritt kif ġej: — Minn punt fuq il-fruntiera tal-Kanada/l-Istati Uniti bl-lonġitudni ta' 120°15' u latitudni ta' 49° — Lejn it-Tramuntana sa punt b'lonġitudni ta' 119°35' u latitudni ta' 50°30' — Lejn il-Grigal sa punt b'lonġitudni ta' 119° u latitudni ta' 50°45' Lejn in-Nofsinhar sa punt fuq il-fruntiera tal-Kanada/l-Istati Uniti bl-lonġitudni ta' 118°15' u latitudni ta' 49°	BOV-X, OVI-X, OVI-Y RUM (***)	A	
CH — L-Isvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y OVI-X, OVI-Y RUM		
			POR-X, POR-Y SUI	B	
CL — iċ-Ċili	CL-0	Il-pajjiż kollu	OVI-X, RUM		
			POR-X, SUI	B	
GL — Il-Greenland	GL-0	Il-pajjiż kollu	OVI-X, RUM		V
HR — Il-Kroazja	HR-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y		
IS — l-Iżlanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y RUM OVI-X, OVI-Y		I
			POR-X, POR-Y	B	
MK — ir-Repubblika ex-Jugożlava tal-Maċedonja (****)	MK-0	Il-pajjiż kollu			X
NZ — In-New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, POR-X, POR-Y OVI-X, OVI-Y		I
PM — St Pierre Miquelon	PM-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y CAM		

1	2	3	4	5	6
RO — ir-Rumanija	RO-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y		V
XM — il-Montenegro <sup>(*)</sup>	XM-0	It-territorju doganali kollu <sup>(*)</sup>			X
XS — Is-Serbia <sup>(***)</sup>	XS-0	It-territorju doganali kollu <sup>(*)</sup>			X

(\*) Bla ħsara għar-rekwiżiti speċifiċi taċ-ċertifikazzjoni previsti minn kull ftehim Komunitarju rilevanti ma pajjiżi terzi.

(\*\*) Is-Serbja u l-Montenegro huma Repubbliki b'dazji individwali ġejjin min-Unjoni ta' Stat u għalhekk huma elenkati separatament.

(\*\*\*) Esklussivament għal annimali ħajjin minbarra daww l-annimali li ġejjin mill-ispeċi taċ-*cervidae*.

(\*\*\*\*) Ir-Repubblika Ex-Jugoslava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li ma jaffettwax id-denominazzjoni definittiva tal-pajjiż li għandha tiġi allokata wara l-konklużjoni tan-negozjati li għaddejjin bħalissa fin-Nazzjonijiet Uniti.

(\*) Ma jinkludix il-Kosovo kif iddefinit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

*Kundizzjonijiet speċifiċi (ara n-noti f'qiegħ il-paġna f'kull ċertifikat):*

T: territorju fejn il-preżenza tal-BSE fil-bhejjem tal-lokalità għet evalwata bħala improbbabli ħafna, għall-għan ta' l-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X u BOV-Y.

TF: territorju rikonoxxut li għandu status uffiċjalment ħieles mit-tuberkożi għall-għanijiet ta' l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X

TFI: territorju rikonoxxut bħala li għandu status uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi għall-għanijiet ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X

TVa: territorju rikonoxxut li għandu status uffiċjalment ħieles mill-enzootic-bovine-leukosis (EBL) għall-għanijiet ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X

TVb: territorju bi stabbilimenti approvati rikonoxxuti li għandhom status uffiċjalment ħieles mill-enzootic-bovine-leukosis (EBL) għall-għanijiet ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X

V: territorju rikonoxxut bħala li għandu status uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi għall-għanijiet ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat OVI-X

VT: Limitazzjonijiet ġeografiċi:

VII: territorju rikonoxxut li għandu status uffiċjalment ħieles mit-tuberkożi għall-għanijiet ta' l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat RUM.

VIII: territorju rikonoxxut li għandu status uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi għall-għanijiet ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat RUM.

TX: territorju rikonoxxut li għandu status uffiċjalment ħieles mill-marda ta' l-Aujeszky għall-għanijiet ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat POR-X

X: sal-31/12/2006 biss għat-tranżitu mit-territorju ta' annimali għal qtil dirett li jintbagħtu mill-Bulgarija jew ir-Rumanija u ddestinati għal Stat Membru fi trakkijiet li ġew issiġillati b'siġill nnumerat b'serje. In-numru tas-siġill għandu jiġi inkluż fiċ-ċertifikat tas-saħħa u s-siġill għandu jkun intatt mal-wasla fil-post iddeżinjat ta' spezzjoni tad-dħul fil-Komunità fuq il-fruntiera u għandu jiġi rrekordjat fit-TRACES. Iċ-ċertifikat għandu jiġi ittimbrat fil-punt tal-ħruġ mill-Bulgarija jew ir-Rumanija mill-awtoritajiet veterinarji kompetenti qabel it-tranżitu minn pajjiż terz bil-kliem xieraq li ġej 'GĦAT-TRANŻITU LEJN L-UE MILL-BULGARIJA/RUMANIJA BISS (Ħassar il-pajjiż kif applikabbli) VIJA R-REPUBBLIKA EX-JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA/IL-MONTENEGRO/IS-SERBIA (Ħassar il-pajjiż kif applikabbli)'."